Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-5 ta' Frar 1993

dwar kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjonijiet ta' ekwidi għall-qatla

(93/196/KEE)

(ĠU L 86, 6.4.1993, p. 7)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/453/KE tad-29 ta' Ġunju 1994	L 187	11	22.7.1994
►M2	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/322/KE tal-25 ta' Lulju 1995	L 190	9	11.8.1995
►M3	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/81/KE tat-12 ta' Jannar 1996	L 19	53	25.1.1996
►M4	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/82/KE tat-12 ta' Jannar 1996	L 19	56	25.1.1996
►M5	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/279/KE tas-26 ta' Frar 1996	L 107	1	30.4.1996
►M6	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/36/KE tat-18 ta' Diċembru 1996	L 14	57	17.1.1997
►M7	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Jannar 2001	L 43	38	14.2.2001
►M8	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/611/KE ta' l-20 ta' Lulju 2001.	L 214	49	8.8.2001
►M9	Commission Regulation (EC) No 1792/2006 of 23 October 2006 (*)	L 362	1	20.12.2006

Emendata minn:

►A1	Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Isvezja u l-Finlandja	C 241	21	29.8.1994
►A2	Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea	L 236	33	23.9.2003

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti

▼B

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-5 ta' Frar 1993

dwar kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjonijiet ta' ekwidi għall-qatla

(93/196/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' ekwidi [1], kif l-aħħar emendata bir-Direttiva 92/361/KEE [2], u partikolarment l-Artikolu 15 punt (a), l-Artikoli 16 u 18 tagħha;

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 Ġunju 1991 li tippreskrivi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-kontrolli veterinarji fuq l-animali deħlin fil-Komunità u d-Direttivi li jemendaw, 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE [3], kif ġew emendati l-aħħar bid-Deċiżjoni 92/438/KEE [4] u partikolarment l-Artikolu 4 tagħha,

Billi bid-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 79/542/KEE [5], kif l-aħħar emendat bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/100/KEE [6], il-lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw importazzjonijiet ta' ekwidi partikolarment ġiet stabbilita;

Billi huwa wkoll meħtieġ li tiġi kkunsidrata r-reġjonalizzazzjoni ta' xi pajjiżi terzi li jidhru f'din il-lista, li hija l-materja tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/160/KEE [7], kif emendata bid-Deċiżjoni 92/161/KEE [8];

Billi l-awtoritajiet veterinarji nazzjonali responsabbli obbligaw ruħhom li javżaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, b'telegramma, *telex* jew *telefax*, fi żmien 24 siegħa mill-konferma tal-ġrajja ta' xi marda infettiva jew li tittieħed fl-ekwidi fil-listi A u B ta' l-Uffiċċju Internazzjonali ta' Mardiet Epiżootiċi jew dwar l-adozzjoni ta' vaċċinazzjoni kontra kwalunkwe minnhom, jew fi żmien xieraq, dwar bidliet fir-regoli nazzjonali dwar l-importazzjoni dwar l-ekwidi;

Billi l-kondizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti għall-importazzjonijiet għall-qatla jgħoddu mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti tad-Direttiva tal-Kunsill 86/469/KEE [9] li l-ebda sustanza tireostatika, estroġenika, androġenika jew ġestaġenika ma tintuża għall-għanijiet ta' simna fl-ekwidi;

Billi saru provvedimenti għaċ-ċertifikazzjoni għal konsenja ta' ekwidi għall-qatla, sakemm l-annimali huma mmarkati sew u identifikati; billi għalhekk huwa neċessarju illi tiġi stabbilita marka ċara li ma titħassarx għall-ekwidi li ser jinqatlu;

Billi l-kategoriji differenti ta' ekwidi għandhom il-fattizzi proprji u l-importazzjonijiet tagħhom huma awtorizzati għal raġunijiet differenti;

---

[1] ĠU L 224, ta' l-1.8.1990, p. 42.
[2] ĠU L 157, ta' l-10.6.1992, p. 28.
[3] ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 56.
[4] ĠU L 243, tal-25.8.1992, p. 27.
[5] ĠU L 146, ta' l-14.6.1979, p. 15.
[6] ĠU L 40, tas-17.2.1993, p. 23.
[7] ĠU L 71, ta' l-1.3.1992, p. 27.
[8] ĠU L 71, ta' l-1.3.1992, p. 29.
[9] ĠU L 275, tas-26.9.1986, p. 36.

▼B

billi, għalhekk għandhom jitwaqqfu rekwiżiti differenti dwar is-saħħa għall-ekwidi li jintbagħtu direttament fil-biċċerija ta' destinazzjoni, u għall-ekwidi għall-qatla, li jgħaddu min suq jew ċentru ta' smistament;

Billi l-miżuri li hemm provduti f'din id-Deċizjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterenarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Mingħajr preġudizzju għad-Deċiżjoni 92/160/KEE, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw importazzjonijiet ta' ekwidi għall-qatla minn pajjiż terz li jidhru fil-Parti I ta' l-Anness tad-Deċiżjoni 79/542/KEE u li huma mmarkati ċar b' mod li ma jitħassarx b' 'S' ittimbrata taħraq ta' daqs mhux inqas minn 3 ċm fuq id-difer tas-sieq xellugija ta' quddiem u

(i) li, jekk mibgħut direttament f'biċċerija biex jinqatel fi żmien ħamest ijiem wara l-wasla fil-biċċerija u mhux aktar tard minn ħamest ijiem wara l-wasla fil-Komunità, jissoddisfa r-rekwiżiti ta' l-Anness I ta' din id-Deċiżjoni. Iżda, fejn l-ekwidi huma soġġetti għal vjaġġ bil-baħar ta' aktar minn tmint ijiem, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li dawn l-ekwidi jistgħu jinqatlu fi żmien 21 jum mill-wasla fil-biċċerija, sakemm jibqgħu fil-biċċerija taħt sorveljazzjoni kuljum tal-veterinarju uffiċjali. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar dawn il-każijiet; jew

(ii) li, jekk għaddejjin minn suq jew ċentru ta' smistament qabel ma jinqatlu, jilħqu r-rekwiżiti ta' l-Anness II.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

L-ANNESS I

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

għal importazzjonijiet ta' ekwidi għall-qatla mibgħuta direttament f' biċċerija fil-Komunitajiet Ewrop

Nru. taċ-ċertifikat: .....

Pajjiż terz tad-dispaċċ [1]:

.....

Ministeru responsabbli: .....

Riferenza għaċ-ċertifikat ta' saħħa li jakkumpanjahom: .....

Nru ta' Annimali: .....

(fi kliem)

I. **Identifikazzjoni ta' l-Annimali(s)**

Numru ta' annimali (*)	Speċi Żiemel, baghal, hmar, hinny	Razza età sess	Metodu ta' identifikazzjoni (**) u identifikazzjoni

(*) Il-marka speċjali hija ħarqa forma ta' 'S' fuq id-difer tas-sieq xellugija ta' quddiem.
(**) Jista' jitwaħħal ma' dan iċ-ċertifikat passaport li jidentifika l-ekwin, iżda n-numru tiegħu jrid jidher.
(a) numru tad-dokument identifikanti (Passaport): .....
(b) Validat minn: .....
(Isem ta' l-awtorità kompetenti)

II. **Oriġini u destinazzjoni ta' l-annimal(i)**

L-Annimal(i) għandu/għandhom jintbagħtu minn: .....
(Post ta' l-esport)

direttament sa: .....
(Stat Membru u biċċerija ta' destinazzjoni)

vasúti kocsi/teherautó/repülőgép/hajó [3] .....
(indika l-mezz ta' Trasport u marki ta' reġistrazzjoni, numru ta' titjira jew isem irreġistrat, kif xieraq)

Isem u indirizz tal-konsinjatur: .....

.....

Isem u indirizz tal-konsinjatarju: .....

.....

▼B

III. **Informazzjoni dwar sahha**

Jien, hawn taht iffirmat, jiċċertifika li l-annimal(i) fuq deskritti jilhaq (jilhqu) r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) hu/huma jiġi(u) minn pajjiż fejn dawn il-mardiet huma obbligatorjament notifikabbli: marda taż-żwiemel Afrikana, dourine, glanders, encephalomyelitis tal-ekwidi (ta' kull tipi inklużi VEE), anemja infettiva, stomatitis vežikulari, rabies, anthrax;

(b) hu/huma ġie/ġew eżaminati llum u juri/juru l-ebda sinjal kliniku ta' mard (2);

(c) hu/huma mhux mahsuba ghall-qatla taht programm nazzjonali ta' eradikazzjoni ta' mard infettiv jew li jittieħed;

(d) matul id-90 jum immedjatament qabel l-esportazzjoni (jew mit-twelid jekk iżgħar minn 90 jum) hu/huma ġie/ġew residenti f'azjendi taht sorveljanza veterinarja fil-pajjiż tad-dispaċċ u 30 jum qabel; id-dispaċċ hu/huma ġie/ġew iżolati minn ekwidi li mhumiex fl-istess livell ta' sahha;

(e) hu/huma jiġi (jiġu) mit-territorju jew f'każijiet ta' reġjonalizzazzjoni uffiċjali skond leġislazzjoni tal-Komunità minn parti mit-territorju ta' pajjiż terz li fih:

(i) encephalomyelitis ta' l-ekwidi Venezwelana ma ġratx fl-aħħar sentejn;

(ii) dourine ma ġratx fl-aħħar sitt xhur ő;

(iii) glanders ma ġratx fl-aħħar sitt xhur;

(iv) — jew stomatitis vežikulari ma ġratx fl-aħħar sitt xhur (3);

jew

— hu/huma ġie/ġew ittestjati fuq kampjun ta' demm meħud fi żmien 10 ġranet ta' esportazzjoni f' ..... (4) b' test tan-newtralizzazzjoni tal-virus għal stomatitis vežikulari b' riżultat(i) negativi b' taħlita ta' 1 f' 12 (3);

►(1) ____ ◄

(f) hu/huma ma jiġix/jiġux mit-territorju jew minn parti tat-territorju ta' pajjiż terz ikkunsidrat skond il-liġijiet tal-Komunità, bħala infettat bil-marda taż-żwiemel Afrikana u

— jew hu/huma ma ġiex/ġewx vaċċinati kontra l-marda taż-żwiemel Afrikana (3),

jew

— hu/huma ma ġiex/ġewx vaċċinati kontra l-marda taż-żwiemel Afrikana f'

..... (3) (4);

(g) hu/huma ma jiġix/ma jiġux minn azjenda li kienet soġġetta għal projbizzjoni għal raġunijiet ta' sahha ta' l-annimali u lanqas kellu/kellhom kuntatt ma' ekwidi minn intrapriża li kienet soġġetta għal projbizzjoni għal raġunijiet ta' sahha ta' l-annimali:

(i) matul sitt xhur f'każ ta' encephalomyelitis ta' l-ekwidi, li jibda mid-data li fiha l-ekwidi li jbaghtu mill-marda jinqatlu;

(ii) f'każ ta' anemja infettiva, sad-data li fiha meta l-annimali infettati kienu maqtula, l-annimali li jibqgħu wrew reazzjoni negattiva għal żewġ testijiet ta' *Coggins* li jitwettqu wieħed tliet xhur wara l-ieħor;

(iii) waqt is-sitt xhur f'każ ta' *stomtatitis* vežikolari;

(iv) waqt xahar mill-aħħar każ irreġistrat, fil-każ ta' rabies;

(v) waqt 15-il jum mill-aħħar każ irreġistrat, fil-każ ta' anthrax.

Jekk l-annimali ta' speċi suxxettibbli għall-marda li jkunu fuq l-intrapriża ġew maqtula u l-fond ġie ddiżinfettat, il-perjodu ta' projbizzjoni huwa ta' 30 jum, li jibda mill-jum meta l-annimali nqerdu u s-sit iddiżinfettat, ħlief fil-każ ta' l-anthrax, fejn il-perjodu ta' projbizzjoni huwa ta' 15-il jum;

►(1) M3

▼B

(h) sa fejn naf jien, hu/huma ma ġiex/ġewx f'kuntatt ma' ekwidi li jbatu minn marda infettiva jew li tittehed fil-15-il jum qabel din id-dikjarazzjoni;

(i) sa fejn naf jien, hu/huma ma rċeiva/rċevew l-ebda sostanzi tireostatiċi, estroġeniċi, androġeniċi jew ġestaġeniċi biex jithaxxnu;

(j) hu/huma ġej/ġew soġġettati għat-testijiet segwenti mwettqa b'riżultati negattivi fuq kampjuni ta' demm mehuda fi żmien għaxart ijiem mill-esport f' ..... (4):

►(1) — (i) test Coggins għall-anemija infettiva tal-*equine* (3),

jew

(ii) fil-każ tal-*Equidae* li jkunu ilhom fl-Islanda mittwelid, huwa ċertifikat li l-Islanda hija uffiċjalment ħielsa mill-anemija nfettiva tal-*equine* (3), ◄

— test komplimentari ta' fissazzjoni għal glanders b' taħlita ta' 1 f' 10 (5);

IV. L-annimal(i) jintbagħtu f'vettura mnaddfa u ddiżinfettata minn qabel b'diżinfettant magħruf uffiċjalment f'dak il-pajjiż ta' dispaċċ u ddiżinjat b' tali mod li demel, ħmieġ u ġwież ma jistgħux jaqgħu waqt it-trasport.

Id-dikjarazzjoni segwenti ffirmata mill-proprjetarju jew ir-rappreżentattiv hija parti miċ-ċertifikat.

V. Iċ-ċertifikat huwa validu għal 10 ijiem F' każ ta' trasport bil-vapur iż-żmien jitwal biż-żmien tal-passaġġ.

Data	Post	Timbru (*) u firma tal-veterinarju uffiċjali

.....

(Isem f' ittri kbar, kwalifiki u titolu)

(*) Il-kulur tat-timbru għandu jkun differenti minn dak ta' l-istampar.

►(1) M6

▼B

DIKJARAZZJONI

Jien, hawn taħt iffirmat, ... (ikteb l-isem b' ittri kbar)
(proprjetarju jew rappreżentant [3] ta' l-annimal(i) deskritti hawn fuq) niddikjara:

1. l-annimal(i) se jintbagħtu direttament mill-fond tad-dispaċċ sal-fond destinatarju mingħajr ma jiġu f'kuntatt ma' ekwidi oħrajn mhux akkumpanjati b'ċertifikat ekwivalenti.

   It-trasport jiġi effettwat b'tali mod li s-saħħa u l-benessere ta' l-annimal(i) jistgħu jiġu protetti effettivament;

2. l-annimal(i) baqa'/baqgħu jew f' ..... (pajjiż li esporta) mit-twelid jew dahal fi-pajjiż li esporta għall-inqas 90 jum qabel din id-dinjarazzjoni [3].

....
(ost, data) (Firma)

---

[1] Parti mit-territorju skond l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE.
[2] Dan iċ-ċertifikat għandu jinħareġ fil-jum ta' tagħbija ta' l-annimal(i) għad-dispaċċ għall-Istat Membru destinatarju. Għandu jakkumpanja l-konsenja u jkopri biss annimali ttransportati fl-istess karru tal-ferrovija, trakk, ajruplan jew vapur.
[3] Ħassar kif xieraq.
[4] Inserixxi d-data.
[5] It-test għall-*glanders* u d-*dourine* ma jgħoddux għall-pajjiżi elenkati fil-Gruppi ►(1) L-Awstralja, il-Kanada, l-Isvizzera, il-Groenlandja, l-Islanda, n-Nova Żelanda u l-Istati Uniti ta' l-Amerika. ◄

►(1) M5

▼B

L-ANNESS II

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

għall-importazzjonijiet ta' l-ekwidi għall-qatla li jgħaddu minn suq jew ċentru għall-ismistament fil-Komunità Ewropea Nru ta' ċertifikat

Nru. taċ-ċertifikat: .....

Pajjiż terz ta' dispaċċ ([1]): .....

Ministeru responsabbli: .....

Riferenza għaċ-ċertifikat ta' benessere akkumpanjanti: .....

Numru ta' bhejjem: .....

(Fi kliem)

I. **Identifikazzjoni ta' l-annimali(s)**

Numr ta' annimali (*)	Speċi Żiemel, bagħal, ħmar, ħinny	Razza, età, sess	Metodu ta' identifikazzjoni (**) u identifikazzjoni

(*) Il-marka speċjali hija ħarqa forma ta' 'S' fuq id-difer tas-sieq xellugija ta' quddiem.
(**) Jista' jitwaħħal ma' dan Iċ-ċertifikat passaport li jidentifika l-ekwin, iżda n-numru tiegħu jrid jidher.
(a) numru tad-dokument identifikanti (Passaport): .....
(b) Validat minn: .....
(Isem ta' l-awtorita' kompetenti)

II. **Oriġini u destinazzjoni ta' l-annimali**

L-annimal(i) għandu/għandhom jintbaghtu minn: .....
(Post ta' esportazzjoni)

direttament għal: .....
(L-Istat Membru u post tad-destinazzjoni)

bil-ferrovija/trakk/ajruplan/vapur ([4]): .....
(indika l-mezz ta' trasport u marki ta' reġistrazzjoni, numru ta' titjira jew isem irreġistrat, kif xieraq)

Isem u indirizz ta' min qiegħed jikkonsenja: .....

.....

Isem u indirizz ta' konsenjatarju: .....

.....

▼B

III. **Informazzjoni dwar saħħa**

Jien, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-annimal(i) deskritti fuq jilħqu r-rekwiżiti segwenti:

(a) hu/huma jiġi/jiġu minn pajjiż fejn il-mardiet segwenti huma notifikabbli bilfors: marda taż-żwiemel Artikana, dourine, glanders, encephalomyelitis ta' l-ewkwini (ta' kull tip inkluża l-VEE), anemja infettiva, stomtatitis vežikolari, rabies, anthrax;

(b) ġie/ġew eżaminati llum u ma juri/juru l-ebda sinjal kliniku ta' mard (2);

(c) mhuwiex/mhumiex maħsuba għall-qatla skond programm nazzjonali ta' qerda ta' mard infettiv jew li jittieħed;

(d) waqt l-aħħar tliet xhur immedjatament qabel l-esportanzzjoni (jew mit-twelid jekk iżgħar minn tliet xhur) kien/kienu residenti fuq intrapriżi taħt sorveljanza veterinarja fil-pajjiż ta' dispaċċ u

— jew jiġi/jiġu minn pajjiż (1) elenkat fil-grupp A, B, C jew D hanw taħt (3) u ġie/ġew iżolat(i) minn ekwidi li mhumiex ta' l-istess stat ta' saħħa waqt 30 jum qabel id-dispaċċ (4),

jew

— jiġi/jiġu minn pajjiż (1) elenkat fil-grupp E hawn taħt (3) u kien/kienu f' ċentru ta' iżolazzjoni approvat, protett minn insetti vetturi 40 jum qabel id-dispaċċ (4);

(e) jiġi/jiġu minn territorju jew f' każijiet ta' reġjonalizzazzjoni uffiċjali skond il-leġislazzjoni tal-Komunità minn parti mit-territorju ta' pajjiż terz li fih:

(i) encephalomyelitis ta ' l-ekwidi Venezwelana ma saritx fl-aħħar sentejn;

(ii) dourine ma seħħitx fl-aħħar sitt xhur;

(iii) glanders ma seħħitx fl-aħħar sitt xhur;

(iv) — jew stomatitis vežikolari ma seħħitx fl-aħħar sitt xhur (4),

jew

— ġie/ġew ittestjati fuq kampjuni ta' demm meħuda fi żmien għaxart ijiem mill-esport f ..... (5), b' test li jinnewtralizza l-virus għal stomatitis vežikolari b'riżultati negattivi b'taħlita ta' 1 fi 12 (4);

►(1) (v) fil-każ li, il-kunsinna ta' equidae deskritta aktar 'il fuq ikun fiha annimali maskili mhux imsewwijin li għandhom aktar minn 180 jum, jew equine viral arteritis ma kinitx uffiċjalment rekordjata matul l-aħħar sitt xhur (4),

jew

— l-annimali maskili mhux imsewwija ġew ittestjati b'kampjun ta' demm meħud fi żmien 21 jum millesportazzjoni fi ... (5) b'test ta' newtralizazzjoni ta'virus għall-equine viral arteritis b'riżultat negattiv f'taħlita ta'1 f'4 f'kull każ(4),

jew

aliquots ta' l-isperma intiera tagħhom meħudin fi żmien 21 jum mill-esportazzjoni fi... (5) kienu ittestjati b'iżolament ta'virus għall-equine viral arteritis b'riżultat negattiv f'kull każ (4),

jew

— l-annimali maskili mhux imsewwija ġew vaċċinati fi... (5) kontra l-equine viral arteritis taħt sorveljanza veterinarja uffiċjali b'vaċċin approvat mill-awtorità kompetenti, skond il-programm li ġej għal vaċċinazzjoni inizjali u reggħu ġew vaċċinati f'intervalli regolari (4);

Programmi għal vaċċinazzjoni inizzjali kontra l-equine viral arteritis:

Struzzjoni: Aqta' barra programmi ta' vaċċinazzjon li ma jgħoddux għall-annimali deskritti aktar 'il fuq.
Ivverifika ċertifikazzjoni li tappoġġa ttestjar qabel il-vaċċinazzjoni, vaċċinazzjoni u vaċċinazzjoni mill-gdid.
Speċifika, fejn xieraq il-programm ta' vaċċinazzjoni għall-annimali identifikati.

(a) vaċċinazzjoni saret fil-jum li ttieħed kampjun ta' demm li sussegwentement irriżulta negattiv f'test ta' newtralizazzjoni ta'virus f'taħlita ta'1 f'4;

jew

(b) vaċċinazzjoni saret matul perijodu ta' iżolament ta' mhux aktar minn 15-il-jum taħt sorveljanza veterinarja uffiċjali, li jibda fil-jum li kampjun ta' demm ikun ittieħed li kien ittestjat matul dak iżżmien b'riżultat negattiv f'test ta' newtralizazzjoni ta' virus f'taħlita ta'1 f'4;

jew

(ċ) vaċċinazzjoni saret meta l-annimal kellu minn 180 sa 270 jum, matul perijodu ta' iżolament taħt sorveljanza veterinarja uffiċjali. Matul ilperijodu ta' iżolament żewg kampjuni ta' demm meħudin ta' lanqas 10 jiem 'il boghod minn xulxin irriżultaw f'antibody titre stabbli jew nieżla f'test ta' newtralizzazzjoni ta'virus għall-equine viral arteritis; ◄

►(1) **M3**

▼B

(f) ma jiġix/jiġux mit-territorju jew minn parti mit-territorju ta' pajjiż terz ikkunsidrat, skond il-leġisazzjoni tal-Komunità, bħala infettat bil-marda taż-żwiemel Afrikana

— jew ma ġiex/ġewx vaċċinati kontra marda taż-żwiemel Afrikana (4)

jew

— jew ma ġiex/ġewx vaċċinati kontra marda taż-żwiemel Afrikana f' ..... (4) (5);

(g) ma jiġix/jiġux minn intrapriża li huwa soġġett għal projbizzjoni għal raġunijiet ta' saħħa ta' l-annimali u lanqas ma kellu/kellhom kuntatt ma ekwidi minn azenda li hu soġġett għal projbizzjoni għal raġunijiet ta' saħħa ta' l-annimali:

(i) waqt sitt xhur fil-każ ta' encephalomyelitis ta' l-ekwidi, li jibda mid-data li fiha l-ekwidi li jbati mill-marda jiġu maqtula;

(ii) f' każ ta' anemija infettiva, sad-data li fiha meta l-annimali infettati kienu maqtula, l-annimali li jibqgħu wrew reazzjoni negattiva għal żewġ testijiet ta' Coggins li jitwettqu wieħed tliet xhur wara l-ieħor;

(iii) waqt is-sitt xhur f' każ ta' stomtatitis veżikolari;

(iv) waqt xahar mill-aħħar każ irreġistrat, fi-każ ta' rabies;

(v) waqt 15-il jum mill-aħħar każ irreġistrat, fi-każ ta' anthrax.

Jekk l-annimali ta' speċje suxxettibbli għall-marda li jkunu f'azjenda ġew maqtula u l-fond ġie diżinfettat, il-perjodu ta' projbizzjoni huwa ta' 30 jum, li jibda mill-jum meta l-annimali nqerdu u s-sit diżinfettat, ħlief fil-każ ta' l-*anthrax*, fejn il-perjodu ta' projbizzjoni huwa ta' 15-il jum;

(h) sa fejn naf jien, hu/huma ma ġiex/ġewx f'kuntatt ma' ekwidi li jbatu minn marda infettuża jew li tittieħed fil-15-il jum qabel din id-dikjarazzjoni;

(i) sa fejn naf jien, hu/huma ma rċeviva/rċevew l-ebda sostanzi tireostatiċi, estroġeniċi, androġeniċi jew ġestaġeniċi biex jitħaxxnu;

(j) hu/huma ġej/ġew soġġettati għat-testijiet segwenti mwettqa b'riżultati negattivi fuq kampjuni ta' demm meħuda fi żmien 10 ijiem mill-esport f ..... (5):

►(2) — (i) test Coggins għall-anemija infettiva tal-*equine* (3),

jew

(ii) fil-każ tal-*Equidae* li jkunu ilħom fl-Islanda mittwelid, huwa ċertifikat li l-Islanda hija uffiċjalment ħielsa mill-anemija nfettiva tal-*equine* (3), ◄

— test komplementari ta' fissazzjoni għal glanders b'taħlita ta' 1 f'10 (6),

— test komplementari ta' fissazzjoni għal dourine b'taħlita ta' 1 f'10 (6);

►(1) ____ ◄

(k) ġie/ġew soġġetti għal test tal-marda taż-żwiemel Afrikana kif deskritt fl-Anness D għad-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE dwar tejn, imwettqa fuq kampjun ta' demm meħuda f' intervall ta' bejn 21 u 30 jum f' ..... (5) u f' ..... (5), it-tieni wieħed minnhom għandu jkun ittieħed fi żmien għaxart ijiem mill-esport jew b' negattivi (7)

— reazzjonijiet jekk ma ġiex/ġewx vaċċinati (4),

jew

— minħajr żieda fl-għadd ta' antibodies jekk ma ġiex/ġewx vaċċinati (4);

(l) jew ma ġiex/ġewx vaċċinati kontra encephalomyelitis ta' l-ekwidi Venezwelani (4) (8)

jew

ġie/ġew vaċċinati f' ..... (5), u dan kien għall-inqas sitt xhur qabel l-iżolazzjoni qabel l-esport (4);

(m) jew ġie/ġew vaċċinati kontra l-*encephalomyelitis* ta' l-ewkini tal-punent u tal-Lvant b'vaċċina inattivata f' ..... (5), u dan kien fi żmien għall-inqas sitt xhur u għall-inqas 30 jum l-iżolazzjoni mill-esport (4) (8) (9);

jew

ġie/ġew soġġetti għal testijiet ta' inibizzjoni tal-haemagglutinazzjoni għal *encephalomyelitis* tal-ewkini tal-punent u tal-Lvant f' żewġ okkażjonijiet, imwettqa fuq kampjun ta' demm meħuda f' intervall ta' 21 jum f' ..... (5) u f' ..... (5), u t-tieni minnhom għandu jkun ittieħed fi żmien għaxart ijiem mill-esport jew b'reazzjonijiet negattivi, jekk ma ġiex/ġewx vaċċinati (4), jew minħajr żieda fl-għadd ta' *antibodies* jekk ma ġiex/ġewx vaċċinati iktar minn sitt xhur ilu (4).

IV. L-Annimal(i) jintbagħtu f'vettura mnaddfa u ddiżinfettata minn qabel b'diżinfettant magħruf uffiċjalment f'dak il-pajjiż ta' dispaċċ u ddiżinjat b' tali mod li demel, ħmieġ u ġwież ma jistgħux jaqgħu waqt it-trasport.

Id-dikjarazzjoni segwenti ffirmata mill-proprjetarju jew ir-rappreżentattiv ħija parti miċ-ċertifikat.

►(1) **M4**

►(2) **M6**

▼B

V. Iċ-ċertifikat huwa validu għal 10 ijiem. F'każ ta' trasport bil-vapur iż-żmien jitwal biż-żmien tal-passaġġ.

Data	Post	Timbru (*) u firma tal-veterinarju uffiċjali

.....

(Isem f' ittri kbar, kwalifiki u titolu.)

(*) Il-kulur tat-timbru għandu jkun differenti minn dak ta' l-istampar.

▼B

DIKJARAZZJONI

Jien, hawn taht iffirmat, ... (ikteb l-isem b'ittri kbar)
(proprjetarju jew rappreżentant (4) ta' l-annimal(i) deskritti hawn fuq) niddikjara:

1. l-annimal(i) se jintbaghtu direttament mil-fond tad-dispaċċ sal-fond destinatarju minghajr ma jiġu f' kuntatt ma' ekwidi ohrajn mhux ta' l-istess livell ta' sahha.

   It-trasport jiġi effettwat b'tali mod li s-sahha u l-benessere ta' l-annimal(i) jistghu jiġu protetti effettivament;

2. l-annimal(i) baqa'/baqghu jew f' ..... (pajjiż li esporta) mit-twelid jew dahal fi-pajjiż li esporta ghall-inqas 90 jum qabel din id-dinjarazzjoni.

....
(Post, data) (Firma)

---

(1) Parti mit-territorju skond l-Artikolu 13 (2) tad-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE.
(2) Dan iċ-ċertifikat ghandu jinhareġ fil-jum ta' taghbija ta' l-annimal(i) ghad-dispaċċ ghall-Istat Membru destinatarju. Ghandu jakkumpanja l-konsenja u jkopri biss annimali ttransportati fl-istess karru tal-ferrovija, trakk, ajruplan jew vapur.
(3) ►(1) Grupp A: ►(2) l-Isvizzera, l-Groenlandja, l-Islanda; ◄◄
Grupp B: ►(4) Australia, Belarus, Croatia, Former Yugoslav Republic of Macedonia, New Zealand, Russia(1), Ukraine, Federal Republic of Yugoslavia; ◄
Grupp C: il-Kanada, l-Istati Uniti ta' l-Amerika;
Grupp D: l-Arġentina, l-Brażil (1), iċ-Ċili, Kuba, ►(3) _____ ◄ l-Paragwaj, Urugwaj;
Grupp E: ►(5) l-Algerija, l-Izrael, il-Mawrizju, il-Marokk, it-Tuniżija. ◄
(4) Hassar kif xieraq.
(5) Inserixxi d-data.
(6) It-test ghall-glanders u d-dourine ma jghoddux ghall-pajjiżi elenkati fil-Gruppi A u C, l-Awtralja u n-New Zealand.
(7) Jghodd biss ghall-pajjiżi elenkati fil-Grupp E hawn fuq.
(8) Jghodd biss ghall-pajjiżi elenkati fil-Grupp D hawn fuq.
(9) Jghodd biss ghall-pajjiżi elenkati fil-Grupp C hawn fuq.

►(1) **A1**

►(2) **M5**

►(3) **M8**

►(4) **M9**

►(5) **A2**